# 14

# Perjodu ta' Tranżizzjoni mal-Qalba tal-Millennju

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Bil-ħidma ta' tant għaqdiet li kienu joperaw fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù u bix-xita ta' attivitajiet li kienu jkunu organizzati f'kull staġun tas-sena, is-snin għaddew u taru, u ġabuna wiċċ im'wiċċ mas-snin elfejn. L-affarijiet laħqu nbidlu, l-istess bħal ma tbiddlu l-gosti, u magħhom il-moda, il-prioritajiet u n-nies involuti. L-iskop ta' dan il-kapitlu huwa li naraw x'ġara fl-Oratorju wara li Dun Anġ Camilleri kellu jirtira minħabba saħħtu fil-bidu tas-snin elfejn. Fi żmienna wkoll l-istorja u l-istejjer ta' dan iċ-ċentru komplew jiġġeddu u jiġġeneraw oħrajn ġodda. B'mod partikolari se ninkwadraw il-bidliet u l-iżviluppi li seħħew fl-Oratorju mill-2005 sa meta ġejna biex nippubblikaw dan il-ktieb. Imma qabel nibdew niffukaw fuq hekk, ikun tajjeb jekk l-ewwel nixħtu dawl fuq l-istil u r-ritmu tal-ħajja kontemporanja tal-lum. Dan għandu jgħina biex nifhmu xi ftit aħjar l-isfidi mhux żgħar għal min għadu impenjat biex jixhed għall-fidi nisranija fil-ħajja pubblika, aktar aktar jekk ikun involut fl-appostolat fost it-tfal u ż-żgħażagħ.

### Malta tas-snin elfejn

Pajjiżna għadda minn bidliet kbar u fundamentali f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Uħud mill-bidliet ġabu ħafna għagħa u plejtu, fosthom il-bidla kostituzzjonali tat-tmenijiet biex jibda jiggverna dak il-partit li jġib l-akbar għadd ta' voti, l-introduzzjoni tal-pluraliżmu fix-xandir u l-kunsilli lokali fis-snin disgħin, id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-2004, l-iva għad-divorzju fl-2011 u l-unjoni ċivili għall-persuni omosesswali fl-2014. Iżda matul din il-medda tas-snin saru u għadhom qegħdin isiru diversi bidliet kbar oħra li, għalkemm kbar u fundamentali, huma bidliet siekta li fil-ħemda tagħhom qegħdin isawru ambjent ġdid. F'dan il-kuntest, inbidlu saħansitra l-arja u l-kultura Maltija li jservu ta' fosqda għalina li ngħixu fihom. Minn dawn it-tip ta' bidliet siekta se nżomm mad-dokumenti tas-Sinodu ta' Malta (2003) u, għalhekk, se nsemmi tmienja minnhom li huma:

(i) *l-edukazzjoni*

L-edukazzjoni tal-ħafna mhux biss għenet biex kull persuna tagħraf u tuża l-kapaċitajiet tagħha, iżda qiegħda twassal għal emanċipazzjoni aktar wiesgħa. Il-proċess ta' tagħlim illum qiegħed itul tul il-ħajja kollha u għalhekk ħafna adulti qegħdin jattendu għall-korsijiet filgħaxija. Il-maġġoranza tal-Maltin qegħdin ifittxu li jindiehsu ma' qari u kulturi ġodda. F'dan il-kuntest, il-poplu m'għadux jaċċetta dilettantiżmu imma, kif jixraqlu, jistenna professjonaliżmu f'kollox.

(ii) *ir-rwol tal-mara*

Ftit aktar min-nofs in-nisa Maltin fl-età tax-xogħol, illum, għandhom impjieg jew huma involuti f'negozju. Il-mara hija interessata fil-kisba tal-kwalifiki u l-esperjenza professjonali biex tibdel il-*job* tagħha f'karriera. Dan kollu qiegħed iġib tibdil fis-soċjetà Maltija, l-aktar fil-formazzjoni u d-dinamika tal-familja Maltija.

(iii) *ir-raġunament ekonomiku*

Qegħdin ngħixu fi żmien ta' konsum u aspirazzonijiet kbar f'kull qasam tas-soċjetà. Ir-raġunament ekonomiku sar il-mutur tal-kultura, jiġifieri l-mod ta' kif il-Maltin ifasslu l-istil ta' ħajjithom. L-istrata tal-*middle class* kibret sew għax żdiedu l-flus fil-but. B'danakollu naqas is-sens etiku. Il-qligħ kultant sar il-kriterju ewlieni tal-azzjonijiet kollha possibbli fin-negozju u fis-soċjetà.

(iv) *il-pluraliżmu*

Il-monopolju li kellha l-Knisja f'Malta fil-kejl tal-moralità sfronda. Illum hawn ħafna ilħna – individwi, għaqdiet u istituzzjonijiet – li kollha jiddefenixxu l-verità skont il-perspettiva tagħhom. Dawn l-ilħna differenti u kunflinġenti wasslu għar-relattiviżmu fejn xejn ma baqa' assolut – la s-sewwa u lanqas id-dnub. Sirna ġens ta' ħafna twemmin.

(v) *il-midja soċjali*

Ir-rivoluzzjoni tad-dinja elettronika biddlet, u ser tkompli tbiddel, il-ħajja tal-Maltin. Permezz tal-internet, Malta saret parti minn xibka dinjija ta' komunikazzjoni istantanja li tiksi kullimkien. F'dak li jagħmlu, iċ-ċittadini m'għadhomx ifittxu gwida, imma jmexxu lilhom infushom. Id-dritt għall-informazzjoni sar dritt fundamentali, filwaqt li donnu m'għadux moda li tgħix ħajja privata mill-bieb 'il ġewwa. Kollox u kulħadd sar suġġett għal ġudizzju fuq il-midja soċjali.

(vi) *id-divertiment*

Ħafna saru jirraġunaw, 'Naħdem ħalli naqla' biex ikolli x'nonfoq'. Tmiem il-ġimgħa sar għandu tifsira ġdida: ħarba mir-realtà ta' ġimgħa xogħol. Dan jgħabbi liċ-ċittadini bil-bżonn ta' ħidma ma taqta' xejn, idaħħal sens ta'

kompetizzjoni għal iżjed ġid u jnaqqas mill-ħin tal-volontarjat. L-industrija tad-divertiment saret ħolqa mill-aktar kruċjali fl-ekonomija ta' pajjiżna.

(vii) *il-polarizzazzjoni*
Minkejja kull xewqa u diskors mod ieħor, fil-pajjiż kompliet il-firda qawwija bejn il-partiti politiċi tant li xi drabi ma jkunx fadal post għal diskussjoni serja dwar kif għandha tkun il-ħajja ċivili. Ħafna minn dak li jiġri f'Malta huwa mċappas b'żewġ kuluri. L-akkuża ta' timbru b'politika partiġġjana sar il-mod kif twaqqaf kull attività jew tagħlaq ħalq min ma jaqbilx miegħu.

(viii) *esperjenzi ġodda ta' familja*
F'Malta naqas id-daqs medju tal-familja. Żdiedu r-relazzjonijiet qabel u barra ż-żwieġ. Daħal id-dritt tad-divorzju. Teżisti kriżi ta' komunikazzjoni bejn iż-żgħażagħ u l-ġenituri. Żdiedu mudelli differenti ta' familja, fosthom dawk b'ġenitur wieħed jew ta' koppja tal-istess sess, l-istess bħal ma żdied il-fenomenu tal-koabitazzjoni. Sar għandna iżjed anzjani u anqas tfal.

Dawn il-bidliet u oħrajn tax-xorta tagħhom joffru kuntest biex wieħed jinduna bis-sinjali ta' żminijietna. Mhux kollox huwa ċpar u dlam. Anzi bil-maqlub! Żmienna huwa mimli b'opportunitajiet ġodda li għalihom ma kellniex aċċess qabel. L-importanti huwa li ma nbatux bir-romantiċiżmu meta noqogħdu nitħajmu billi ngorru li, 'Qabel konna ħafna aħjar!' jew inkella nimirdu bil-fataliżmu kull meta naħbtu naqtgħu qalbna għax ngħidu, 'M'hemmx x'tagħmel!' Kull min jaħdem fost iż-żgħażagħ jagħraf li kull sfida għandha tinbidel f'opportunità. Irridu nrewħu l-pożittiv, filwaqt li nkomplu nibnu fuq it-tajjeb li diġà sar. Fl-istess ħin għandna nagħrfu l-għerq tal-ħsara u nagħmlu minn kollox biex innisslu t-tama fejn hemm il-qtigħ it-talb u d-dawl fejn hemm id-dlam. Jewwilla mhux dawn kienu l-oġġettivi li għalihom stinka San Franġisk t'Assisi elf sena ilu... Bħalu rridu nxammru l-kmiem u nħallu l-ispirtu t'Alla jaħdem fina u bina biex il-ħajja tkun aħjar u tingħax fil-milja kollha tagħha. Dan huwa ż-żmien il-ġdid li fih qiegħed jopera l-Oratorju, mitt sena wara li nfetaħ għall-ewwel darba fil-Mosta. M'għandniex nistennew li nħallu kollox kif kien u r-rota tibqa' ddur. Ħafna drabi r-rota ta' għada tkun teħtieġ ingranaġġ differenti minn dak tal-bieraħ. Il-bidla saret l-uniku ħaġa kostanti għax xejn m'għadu fiss u bbalzmat. Filwaqt li kburin bil-passat, imma biex nissoktaw b'mixjietna rridu nħarsu 'l quddiem u qatt lura. Qabel ngħaddu biex nidħlu f'iżjed dettall fuq il-mixja Oratorjana fil-preżent u fil-futur, tajjeb li l-ewwel jingħalaq l-aħħar kapitlu ta' Dun Anġ Camilleri kif se nagħmlu fit-taqsima li jmiss.

## Il-mewt ta' Dun Anġ

Kif rajna fil-kapitli preċidenti, Dun Anġ mexxa lill-Oratorju għal 49 sena (1956-2005). Fuq medda daqstant twila ta' snin irnexxielu jittrasforma lill-Oratorju għax seddqu b'faċilitajiet u opri ġodda. Imma ż-żmien ma jaħfirha lil ħadd. Fl-2005 kellu jirtira minn

ħidmietu u jinġabar fid-Dar tal-Kleru li tinsab fil-Fleur-de-Lys fejn għex l-aħħar erba' snin u nofs ta' ħajtu. Għalkemm saħħtu kienet tnin kuljum, imma moħħu baqa' ċar kważi sal-aħħar jiem. Ħafna mill-eks membri tal-Oratorju konna mmorru narawh u hu dejjem laqagħna bil-ferħ u t-tbissima tipika tiegħu. Fuq kollox qatt ma naqset minn fommu t-twissija biex ma ninsewx lill-Oratorju! Kont inħossni kommoss kull meta kont inżuru u nsibu fil-ġnien fuq is-siġġu tar-roti. Kien jgħidli biex indaħħlu f'kamartu u hemmhekk nintasbu nitkellmu qalb il-bċejjeċ tal-arti u taċ-ċeramika li hu stess kien għamel ta' dilettant li kien. Kienu ġabuhomlu l-familjari tiegħu u kien l-hena tiegħu jirrakkonta dwarhom.

Dun Anġ miet fil-kwarta ta' filgħodu ta' nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju 2009 fil-għomor ta' 79 sena. Ir-ritrattista Mosti Victor Caruana kiteb hekk dwaru,

> 'Miet Dun Anġ'. L-aħbar ġriet bħal berqa nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju 2009 filgħodu. Kulħadd iddispjaċih għat-telfa ta' Dun Anġ 'iż-żgħir' li għalija u għal kull min kien jaf kemm ħadem f'ħajtu kien tassew 'Dun Anġ il-Kbir'. (Victor B. Caruana, 2009: 2)

Il-funeral sar il-Ħamis filgħodu, 16 ta' Lulju 2009, mill-Isptar *Mater Dei* għall-kappella tal-Oratorju. Hawnhekk kien espost għall-pubbliku fejn numru kbir ta' Mostin ġew biex jagħtuh l-aħħar tislima. Minn hawn intrefa' fuq l-ispallejn u kif tfaċċa fuq iz-zuntier tal-Oratorju ndaqqlu salut mill-*Mosta Scouts Group*. Wara l-korteo funebri telaq għar-Rotunda fejn saret quddiesa *praesente cadevere* mmexxija minn Mons. Anton Gouder, Pro Vigarju Ġenerali. Numru kbir ta' saċerdoti u monsinjuri kkonċelebraw, filwaqt li Dun Mario Tong, arċipriet tal-Mosta, niseġ l-omelija. L-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona bierek lil Dun Anġ fil-knisja qabel beda l-aħħar vjaġġ tiegħu għaċ-ċimiterju. Fil-poeżija tiegħu lil dan 'il-Mosti u l-Bravu', Louis Vassallo jgħidilna,

> Trasformajt lill-Oratorju
> f'lezzjonijiet tul il-ħajja,
> talenti u snajja' varji
> bi grinta bla ma qatt tgħejja.
>
> Fieri, futbol u teatrin,
> laqgħat u purċissjonijiet;
> l-ewwel ġurnal tal-parroċċa,
> fasslu ġrajjiet iż-żminijiet.

Ara appendiċi Ġ biex taqra l-poeżija sħiħa, *Lil Dun Anġ Camilleri l-Mosti u l-Bravu*.

Hekk intemm il-kapitlu ta' Dun Anġ fl-istorja tal-Oratorju; kapitlu twil tassew b'ħafna taqsimiet u avventuri. Miegħu ntemmet era sħiħa u warajh l-istorja tal-Oratorju kellha tieħu liwjiet li bħalhom qatt ma rat qabel. Miegħu ntemmet tradizzjoni twila ta' kif tmexxa l-Oratorju sa minn mindu fetaħ il-bibien tiegħu fil-Mosta fl-1914. Minn issa 'l quddiem, l-Oratorju jibda jaqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tal-arċipriet tal-parroċċa li jkollu jgħinuh xi saċerdoti żgħażagħ minn fost il-kleru tal-parroċċa u *leaders* oħrajn lajċi.

## Id-direttur Dun Mario Tong fi żmien ta' tranżizzjoni

Fl-2003 Dun Mario Tong ħa postu bħala arċipriet tal-Mosta wara l-parrokat twil ta' Mons. Joe Carabott. Il-Mosta kienet issa saret l-akbar parroċċa tad-djoċesi, iż-żminijiet kienu nbidlu sew. It-tmien fatturi soċjoloġiċi li semmejna qabel mhux biss kienu tlaħħmu mal-karattru Malti, imma talli saħansitra biddlulu sa lil ruħu. Sentejn wara li l-arċipriet Tong ħa l-pussess tal-parroċċa f'idejh, sar ukoll id-direttur tal-Oratorju peress li Dun Anġ, kif rajna, kellu jirtira fid-Dar tal-Kleru minħabba raġunijiet ta' saħħa. Iż-żmien ta' Tong bħala direttur, b'kollox sitt snin (2005-2011), kien wieħed ta' tranżizzjoni għall-Oratorju. Xejn ma kien faċli, lanqas mifhum minn bosta, saħansitra minn dawk li trabbew fi ħdan dan iċ-ċentru. Ibda biex, l-għaqdiet stabbiliti tiegħu bdew imajnaw sa ma ntemmu, bl-eċċezzjoni tal-Kor Santa Ċeċilja, li minkejja diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' membri ġodda, baqa' għaddej bis-servizz utli tiegħu b'risq il-parroċċa. Mill-banda l-oħra l-Għaqda Studenti Mostin sfaxxat, hekk kif Dun Anġ kellu jerfa' minn ħidmietu. L-istess ġralha l-fergħa ċentrali tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika fil-Mosta.

Minflok dawn l-għaqdiet fl-Oratorju, bdew ifaqqsu għadd ta' nukleji ġodda taż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika (ŻAK) maqsumin skont etajiet differenti u preżenti fid-diversi żoni pastorali mxerrdin mal-periferija tal-parroċċa. Dawn in-nukleji żgħar huma organizzati fuq stil differenti minn dak Oratorjan u ma jħaddmux is-sistema preventiva ta' Dun Bosco, anki minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet. Minkejja dan, xorta bdew u għadhom jaqdu l-appostolat fost l-addoloxxenti billi jilħquhom fiż-żoni fejn jgħixu. Tabella 14.1 turi fejn u kif kienu stabbiliti dawn in-nukleji għall-ħabta tal-2008.

**Tabella 14.1: Iż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika fil-Mosta mill-2008**

| Post | Età tal-membri | Jum tal-laqgħat | Ħin tal-laqgħat |
|---|---|---|---|
| Kappella Santa Margerita, Santa Margerita | 11–13-il sena | Is-Sibt | 13:30 – 14:30 |
| Oratorju Qalb ta' Ġesù | 13–15-il sena | Is-Sibt | 16:30 – 17:30 |
| Ċentru Marija Omm il-Knisja, Ta' Mlit | 15–17-il sena | Is-Sibt | 16:30 – 17:30 |
| Ċentru Marija Omm il-Knisja, Ta' Mlit | 17–18-il sena | Is-Sibt | 15:30 – 16:30 |

Bis-sehem ta' għadd ta' *leaders* żgħażagħ, dawn il-gruppi stabbilew ruħhom u llum jifformaw parti integrali mill-ħidma u l-kalendarju parrokkjali. Huma jisħqu l-iżjed fuq ħiliet intrapersonali u interpersonali, filwaqt li l-messaġġ reliġjuż jitwassal iżjed fl-isfond ta' dawn il-ħiliet li jgħinuhom jikbru bħala persuni fihom infushom u f'komunjoni mal-oħrajn. L-istqarrija tal-missjoni taż-ŻAK Mosta tgħid,

> ŻAK Mosta tipprovdi edukazzjoni spiritwali u soċjali bil-għan li jitkattar aktar ġid u għarfien biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu meħuda deċiżjoni aktar informati fil-ħajja.

Fil-kuntest ta' dawn l-iżviluppi, l-Oratorju, li dejjem fawwar biż-żgħożija, donnu xjaħ f'salt u safa waħdu. L-għajat u l-isfrattu tat-tfal baqa' jinstema' biss għal ftit ħin qabel u ftit wara l-lezzjonijiet tal-katekiżmu, imma mill-bqija s-skiet ħa s-sopravent. Jekk mhux għal dik is-siegħa tas-Sibt waranofsinhar, l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ ma baqgħux jattendu l-Oratorju għax issa ppreferew imorru banda oħra. U hekk inħoloq vakum li nikket il-qlub ta' ħafna. Dun Mario Tong, bħala arċipriet u direttur, biddel ir-rotta tal-Oratorju u minn mekka taż-żgħażagħ irrendieh f'ċentru parrokkjali fejn bdew jitlaqqgħu l-membri ta' għaqdiet diversi għal-laqgħat tagħhom f'jiem differenti. Fost dawn l-għaqdiet li bdew jużaw l-Oratorju għal-laqgħat insibu x-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, il-Moviment tat-Tiġdid Kariżmatiku, il-*Gospel Group*, il-Grupp tar-Romol, il-Grupp tal-Abbatini u d-diversi kummissjonijiet tal-parroċċa (Pirotta, 2008: 454). Dawn l-għaqdiet taw karattru differenti lill-Oratorju iżda, għalkemm jiltaqgħu fi ħdanu, ħadd minnhom ma kien jħossu jappartjeni għalih. Dak kien il-punt fejn bdiet tinbet ix-xewqa li jerġa' jkun hemm għaqda li verament tħossha li hi 'tal-Oratorju'. Is-sens ta' appartenanza huwa kruċjali biex kwalunkwe ċentru jkompli jimxi 'il quddiem, jagħmel bidliet u jassigura ġejjieni aħjar.

## Deċiżjonijiet kontroversjali

Sadattant taħt id-direzzjoni ta' Dun Mario Tong ittieħdu deċiżjonijiet oħrajn, fosthom li Jean Pierre Pirotta jibda jservi bħala kuratur tal-Oratorju. Fuq perjodu ta' sitt snin, Pirotta kien responsabbli mit-tħejjijiet tal-kappella kull meta kienet se tkun iċċelebrat xi funzjoni jew quddiesa ta' żwieġ, mill-armar tal-Milied, il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Qalb ta' Ġesù, mir-relazzjoni pubbliċi u kif ukoll miż-żamma u l-manteniment tal-post. Deċiżjoni oħra li ġabet reazzjoni mill-aktar negattiva fost il-pubbliku, tant li bdew jidhru xi ittri fil-gazzetti, kienet dik li jiġu mneħħija l-inkwatri bir-ritratti antiki minn ġol-*Youth Centre Area*. Ta' kull sena kienet id-drawwa ta' Dun Anġ li jħejji inkwatru ġdid tal-attivitajiet maġġuri li jkunu saru fl-Oratorju tul it-tnax-il xahar ta' qabel. Hekk, sena wara sena, kien inbena djarju viżiv tal-ħajja fl-Oratorju li kien l-għaxqa ta' tant *old boys* kull meta jogħġobhom jerġgħu jirfsu mill-għatba 'l ġewwa. L-iżmantellar ta' dawn l-inkwatri u r-rimi tagħhom bħala skart qajjem ferment għax il-maġġoranza tal-Mostin ħassew li dan kien aġir irresponsabbli bl-intenzjoni li jħassar l-istorja tal-Oratorju u tagħhom stess, kemm bħala individwi u kemm bħala soċjetà kollettiva. Mal-inkwatri, ġew żbarazzati diversi oġġetti antiki mill-Oratorju fosthom it-*typewriter* u apparat ieħor li maż-żmien ma baqax jintuża aktar. Iżjed tard, fi żmien l-arċipriet Dun Albert Buhagiar, tneħħiet ukoll il-mejda tat-*table-tennis* u l-*billiard* għosfor wara li kien mibjugħ.

Naf li dan hu punt kontroversjali ħafna u li għadu jqajjem għadd ta' emozzjonijiet fost ħafna, imma nħoss li għandi niċċara tliet punti importanti. L-ewwel, huwa veru li l-inkwatri nqalgħu, tkissru u ntremew, imma l-maġġoranza tar-ritratti li kien hemm fihom inżammu u ġew ippreservati. Jien stess kelli aċċess għalihom meta ġejt biex nagħmel ir-riċerka għal dan il-ktieb. Mar-ritratti nżammu wkoll id-dokumenti kollha tal-Oratorju fosthom il-minuti tal-għaqdiet fi ħdanu li jmorru lura għall-1922. It-tieni,

filwaqt li nifhem li għal ħafna *old boys* dawn l-inkwatri għandhom laqta personali għax fihom kienu jaraw lilhom infushom u lil sħabhom, fl-istess nifs nifhem ukoll il-ħtieġa tal-bidla. Ċentru taż-żgħażagħ, normalment, ikun imżejjen b'posters, messaġġi, ritratti u avviżi kurrenti aktar milli storiċi. Huwa minnu li l-istorja *jeħtieġ* li tiġi ppreservata għal ġenerazzjonijiet futuri, imma t-twaħħil tar-ritratti mal-ħajt mhuwiex l-uniku u neċessarjament l-aħjar mod ta' kif nixhdu għall-imgħoddi. Dan l-istess ktieb li għandna f'idejna huwa alternattiva ta' kif l-istorja 'kbira u sabiħa' tal-Oratorju tiġi mgħoddija għal dawk ta' warajna. Alternattiva oħra hija l-*uploading* tar-ritratti fuq il-mezzi tal-midja soċjali fosthom fuq *facebook* u *Instagram*. Nistgħu wkoll ngħixu l-milja tal-ħajja fuq it-tagħlim u l-eżempji li ħadna fl-Oratorju, filwaqt li nirrakkontaw b'gost u entużjażmu l-istejjer tagħna fl-Oratorju lit-tfal u lit-tfal tat-tfal tagħna. Forsi jeħtieġ li nkunu ftit aktar impenjati u kreattivi ta' kif nagħtu xhieda għal dan iċ-ċentru għażiż, aktar minn sempliċiment naraw sett t'inkwatri mwaħħla mal-ħajt. Għaż-żgħażagħ tagħna llum inkwatru antik ftit jew xejn jista' jkollu tifsira. It-tielet, huwa minnu li tagħtik għafsa ta' qalb meta tidħol fl-Oratorju u ma tarax il-mejda tat-*table-tennis* u tal-*billiard*. Kellhom storja kbira kif qrajna fil-kapitli preċidenti, imma huwa minnu wkoll li llum mhux se tiġbed żagħżugħ sempliċiment għax għandek par paletti u stikka tal-boċċi.

## Bidla u kontinwazzjoni

F'dan kollu nagħraf li l-proċess ta' tranżizzjoni seta' sar aħjar, forsi b'aktar konsultazzjoni u trasparenza. Nifhem ukoll li seta' kien hemm iżjed sensittività waqt it-teħid u t-twettiq tad-deċiżjonijiet b'rispett lejn l-istorja tal-Oratorju u ta' tant eluf li ffrekwentawh tul is-snin. Nagħder ukoll ir-rabja li ħassew xi wħud meta barra l-kanċell raw affarijiet għeżież għalihom mormija fi skipp. Imma filwaqt li nafferma li jien ma kelli ebda sehem f'dak li ġara f'dan iż-żmien, nifhem iżjed minn kull kunsiderazzjoni oħra l-ħtieġa tal-bidla. Min ma jbiddilx, iqammel u jqadded. Din hija liġi naturali qabel ma hija prinċipju maniġerjali. Dejjem hekk kien. U llum il-bidla saret xi ħaġa iżjed rapida u kostanti. U meta tbiddel mhux se togħġob lil kulħadd. Impossibbli.

B'danakollu m'għandniex għax immorru minn estrem għal ieħor. Il-bidla mhix negazzjoni assoluta tal-imgħoddi, imma nemmen li għandha titqies bħala evoluzzjoni naturali u awtomatika fuqu. Għalkemm l-ewwel diċennju tas-seklu 21 huwa perjodu ta' tranżizzjoni kbira għall-Oratorju, imma xorta għad fadal għeruq u attivitajiet li jrabbtuh ma' dak li kien qabel. Diġà semmejna t-tagħlim tal-katekiżi għat-tfal bi tħejjija għas-sagramenti u l-parteċipazzjoni tal-Kor Santa Ċeċilja fil-ħajja parrokkjali. Ma' dawn insemmi d-drammi tal-passjoni li, minkejja kollox, xorta baqgħu jittellgħu ta' kull randan fit-teatru tal-Oratorju. Bl-impenn ta' Edwin Vassallo li għadu jikteb skript oriġinali u ġdid ta' kull sena, flimkien mas-sehem ta' Mario Mifsud u Marvic Camilleri fid-direzzjoni artistika, dan l-appuntament annwali baqa' ħolqa mal-imgħoddi li baqgħet tiġġedded u tiġbed żgħażagħ ġodda fl-Oratorju. Tkellimt ma' Mario Mifsud u Edwin Vassallo biex inkun naf iżjed is-sinifikat tad-drammi tal-passjoni biex l-Oratorju seta' jibqa' għaddej anki fl-aktar mumenti diffiċli tal-eżistenza tiegħu fil-bidu tas-snin elfejn.

> Meta l-Oratorju tbattal miż-żgħażagħ u ħafna drabi kont issib il-kanċell magħluq, konna aħna li bħala grupp żgħir ta' dilettanti tad-drama bqajna nużaw is-sala tiegħu għal xahtejn biss fis-sena biex intellgħu d-dramm tal-passjoni. Dik kienet l-uniku tama li kien għad fadal biex lill-Oratorju stajna nerġgħu nagħtuh ħajja żagħżugħa. F'dawk is-snin konna naħdmu bit-tfal, imma maż-żmien kibru u llum saru atturi tajbin u ħafna minnhom għadhom impenjati fl-Oratorju. (Mario Mifsud, 2015)

> Id-dramm tal-passjoni li ta' kull sena nikteb għall-Oratorju mhuwiex sempliċi attività teatrali. Inqisu bħala klassi duttrina kemm għal dawk li jieħdu sehem fih u kemm għal dawk li jiġu biex jarawh. Permezz tal-karattri fuq il-palk inkun irrid li ta' kull sena wieħed jaħseb fuq ir-relazzjoni tiegħu m'Alla u fil-mod ta' kif qiegħed jagħti xhieda għall-fidi tiegħu f'ħajtu. (Edwin Vassallo, 2015)

## Id-direttur Dun Albert Buhagiar iġib entużjażmu ġdid

Wara tmien snin arċipriet (2003-2011), bl-aħħar sitta minnhom qattagħhom ukoll bħala Direttur tal-Oratorju, Dun Mario Tong issejjaħ mill-Arċisqof Cremona biex imur jaqdi l-appostolat tiegħu f'parroċċa oħra. Minfloku tfaċċa Dun Albert Buhagiar fit-tmun tal-parroċċa u, bħal ta' qablu, beda jassumi wkoll ir-rwol ta' Direttur tal-Oratorju sa mill-ewwel jum tal-ħatra tiegħu. Mal-miġja ta' Dun Albert kien hemm injezzjoni ta' enerġija ġdida u aktar iffukata għall-Oratorju biex jerġa' jibda jistabilixxi ruħu fil-qasam taż-żgħażagħ. Meta kien intervistat mill-ġurnalisti ta' *Newsbook*, Dun Albert qal hekk,

> Il-ħsieb tiegħi għall-Oratorju huwa li jerġa' jibda joffri ħidma pastorali maż-żgħażagħ, filwaqt li jkun t'għajnuna għal diversi għaqdiet u movimenti fi ħdan din il-parroċċa tant kbira tal-Mosta. Il-parroċċa tal-Mosta hija mogħnija b'dan iċ-ċentru – l-Oratorju Qalb ta' Ġesù – li għal żmien twil kien immexxi minn Dun Anġ Camilleri li kellu qalbu f'dan il-post. Iżda għal ċertu żmien, l-Oratorju qisu ma sabx aktar postu. L-idea tagħna hija li dan il-post nerġgħu nagħtuh spinta 'l quddiem. L-Oratorju huwa kumpless b'ħafna potenzjal għall-parroċċa. Il-ħsieb tal-parroċċa huwa li dan il-post jitqies bħala ċentru li jagħti servizz pastorali għall-parroċċa u anki jkun il-post, l-aktar il-parti magħrufa bħala l-*Youth Centre*, li jkun miftuħ fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiġu u jiltaqgħu. Allura l-Oratorju jservi biex ngħinu liż-żgħażagħ b'mod pastorali. Dan jitlob li l-post ikun aktar attrezzat, jekk Alla jrid, aktar 'il quddiem b'mod li jista' jilħaq esiġenzi oħrajn illi jkollha l-parroċċa fil-ħidma pastorali tagħha. Dan huwa l-iskop li nixtiequ nagħtu din il-ħajja ġdida lill-Oratorju. Nemmnu li rridu nagħtu attenzjoni liż-żgħażagħ li wara kollox l-Oratorju jibqa' magħruf għal ħafna żgħażagħ li kienu jattendu fih. (Dun Albert Buhagiar kif ikkwotat minn David Debono, 2014)

Biex iwettaq il-ħsieb tiegħu, Dun Albert ħalla lill-bqija tal-għaqdiet parrokkjali biex jibqgħu jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-Oratorju għal-laqgħat u l-attivitajiet tagħhom imma, fl-istess waqt, irsista biex jitwaqqaf grupp Oratorjan ġdid li jkun immirat apposta

għaż-żgħażagħ. Dan kien il-bidu tal-grupp ħabrieki *ignite 18+* li nistgħu ngħidu li l-huwa l-grupp residenti il-ġdid taż-żgħażagħ fl-Oratorju. Kif jindika ismu stess, huwa grupp li jappella għal tfajliet u ġuvintur minn tmintax-il sena 'l fuq. Iżda qabel ngħaddu biex insiru nafu aħjar lil dan il-Grupp, ikun tajjeb jekk qabel nifhmu eżatt xi tfisser kull ittra tal-isem, kif huwa indikat f'tabella

**Tabella 14.2: Tifsira ta' isem il-Grupp *ignite 18+***

| | |
|---|---|
| **I** | I*nvest in yourself and in others* |
| **G** | G*ive your opinion* |
| **N** | N*ote others' opinion* |
| **I** | I*nvert your life* |
| **T** | T*ake the spirit* |
| **E** | E*nergize your faith* |

It-tifsira kompleta ta' isem dan il-grupp taż-żgħażagħ hija dinamika, altruista u nisranija. Dinamika għax titlob attività sħiħa biex il-ħajja tingħax fil-milja tagħha billi tisħaq fuq l-investiment soċjali u l-parteċipazzjoni attiva biex hekk teħodha kontra l-apatija pubblika. Altruista għax tibni lill-individwu billi tlaqqgħu mal-bqija, anzi tridu jimpurtah minn ħaddieħor biex il-ħajja tissawwar f'komunjoni. Nisranija għax tisħaq fuq il-ħtieġa tal-ispirtu u l-enerġija tal-fidi biex jagħtu sens lill-ħajja. Tiskanta kemm f'naqra ta' kelma jista' jkun hemm maħżun ħsieb profond u azzjoni siewja. F'dan il-kuntest, insemmu wkoll li l-motto ta' *ignite 18+* huwa *Finding God's spirit through others*.

> L-għan prinċipali ta' *ignite 18+* huwa l-iżvilupp soċjali u spiritwali ta' kull individwu li jifforma parti mill-grupp. Ir-relazzjoni tagħna m'Alla tifforma l-pedament li fuqu huwa mibni l-grupp *ignite 18+*. It-talb huwa mezz importanti biex insaħħu din ir-relazzjoni tagħna ma' Alla, u għalhekk *ignite 18+* jieħu ħsieb jorganizza mumenti ta' adorazzjoni, riflessjoni u *sharing* biex jgħin lill-membri jisimgħu lil Alla fil-ħajja tagħhom. *Ignite 18+* huwa wkoll il-post fejn nieħdu gost flimkien permezz ta' attivitajiet soċjali li jiġu organizzati b'mod regolari, bħal *hikes* u *picnics*, *movie nights*, logħob tat-*table-soccer*, *table-tennis* u *futbol*, *barbeques*, *treasure hunts*, *live-ins* u *karaoke*. L-iskop ta' dawn l-attivitajiet huwa sabiex tissaħħaħ l-għaqda bejn il-membri ħalli b'hekk jinħoloq u jinżamm spirtu sabiħ ta' ħbiberija. (*ignite 18+*, 2014)

Tkellimt ma' Mark Zammit li flimkien ma' martu Pauline mexxew il-Grupp *ignite 18+* għall-ewwel tliet snin mill-formazzjoni tiegħu (2012-2015).

> L-Arċipriet Albert Buhagiar ħass in-nuqqas ta' appostolat speċifiku għaż-żgħażagħ fil-parroċċa u ried jagħmel xi ħaġa. Hekk nibet il-bżonn li jkun ifformat grupp ġdid u l-Oratorju mill-ewwel kien għażla naturali, kemm għax hu ċentru tal-istess parroċċa u kemm għax

> għandu l-faċilitajiet kollha. Kien Marzu tal-2012 u l-arċipriet flimkien ma' Dun Blake avviċinaw lili, lil marti u koppja oħra – Stephania u Adrian Dimech, flimkien ma' Marie Claire Dimech, Jeremy Xuereb u Jolene Gauci. L-idea kienet li jkun hemm żewġ koppji li jservu ta' kordinaturi ta' grupp ġdid għaż-żgħażagħ ta' 'l fuq minn 18-il sena. Permezz ta' din l-idea, l-arċipriet ried jippromwovi l-ħsieb li hi kemm hi mgħaġġla l-ħajja llum bil-ġenn kollu li fiha, iż-żwieġ nisrani xorta kapaċi jirnexxi u jservi ta' mudell għal ħaddieħor. Dan kien l-għan primarju l-għala l-kordinaturi kellhom jkunu koppja miżżewġa bit-tfal jew mingħajr tfal. Imbagħad iddeċidejna li jien u marti Pauline nservu ta' kordinaturi primarji, waqt li l-koppja Adrian u Stephania Dimech ikunu l-kordinaturi sekondarji. Magħna dejjem kellna xi żgħażagħ infushom li kienu jgħinuna fit-tmexxija tal-grupp. L-istatut jgħid li l-perjodu ta' tmexxija għal kull koppja għandu jkun ta' sentejn. Aħna ġeddidna għal sena oħra wara l-ewwel sentejn, sakemm imbagħad kien wasal iż-żmien li jidħol xi ħaddieħor b'aktar ideat friski u entużjażmu ġdid. (Mark Zammit, 2015)

Grafika 14.1 tfiehem aħjar l-istruttura ta' tmexxija kif imħaddma mill-Grupp *ignite 18+* mill-2012 'il quddiem. Mal-mogħdija tas-snin saru xi żviluppi fin-numru u r-responsabbiltajiet tad-delegati imma fis-sustanza l-istruttura rrappreżentata fil-grafika tibqa' l-istess.

**Grafika 14.1: L-istruttura ġerarkika tal-Grupp *ignite 18+***




*Mario Thomas Vassallo, 2015*

It-tmexxija tal-*ignite 18+* fil-preżent għaddiet f'idejn l-avukat Bernard Grech u martu li qegħdin jissoktaw bil-ħidma fost iż-żgħażagħ Mostin permezz tar-riżorsi u l-faċilitajiet li jinsabu fl-Oratorju.

## Rinovazzjoni tat-teatru

Minbarra t-twaqqif ta' għaqda Oratorjana ġdida, Dun Albert Buhagiar ħa passi deċiżivi oħrajn biex jerġa' jqajjem lill-Oratorju fuq saqajh, jagħtih nifs ġdid u jimlieh biż-żgħażagħ. Fost dawn, insemmu l-introduzzjoni tal-quddiesa tas-sebgħa ta' filgħaxija

kull nhar ta' Ħadd fil-kappella li bdiet issir fl-2012. Għal din il-quddiesa li tkun animata miż-żgħażagħ stess jattendu ħafna u ħafna nies li jippakkjaw kull spazju ta' barra u ġewwa l-kappella. Dan il-pass kompla wkoll jqarreb lill-Oratorju lejn il-komunità, jqawwih fl-identità tiegħu bħala ċentru ta' fidi nisranija u jipprovdilu opportunitajiet ġodda għall-ingaġġ ta' iżjed żgħażagħ fit-triq tal-sewwa u l-verità.

Matul l-2014 u l-2015 fl-Oratorju twettaq proġett kapitali ieħor billi, din id-darba, kien rinovat it-teatru. Kif rajna f'kapitlu 9, dan it-teatru kien imkabbar u msebbaħ għal kemm-il darba tul is-snin, imma ż-żmien ixejjaħ. Kull darba trid tbiddel u taġġorna, inkella tispiċċa bħal landa *cornbeef* li tgħaddilha d-data tal-iskadenza! Permezz tal-investiment li sar, tqiegħed pavimentar ġdid fis-sala, tbiddlu l-purtieri tal-palk, ġew installati sistemi ġodda tad-dawl u l-ħoss, tjiebu l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà u, fuq kollox, tneħħew il-fillieri l-antiki tas-siġġijiet tal-injam u minflokhom tpoġġew siġġijiet ġodda bil-pannu ħamrani, iżjed sbieħ u ħafna aktar komdi. Is-siġġijiet il-ġodda mhumiex installati b'mod fiss mal-art bħal ma kienu qabel u, għalhekk, żdiedet il-flessibilità loġistika. Dan ikompli jagħmel dan it-teatru aktar appellabbli għal iżjed organizzazzjonijiet li jkollhom bżonn ta' spazju kbir u attrezzat biex itellgħu l-attivitajiet tagħhom. Dan il-proġett b'investiment kapitali li ġie jiswa s-somma ta' €42,000 kien ikkordinat minn Karl Parnis. Dun Albert Buhagiar, bħala Direttur, u t-tim tiegħu għandhom iżjed proġetti simili maħsuba għall-futur biex il-faċilitajiet tal-Oratorju jkunu mtejba, mkabbra u aġġornati skont il-ħtiġijiet taż-żminijiet il-ġodda.

## Il-Quddiesa tal-Ħadd

Deċiżjoni oħra mill-aħjar li ttieħdet mill-Arċipriet Dun Albert Buhagiar hija l-introduzzjoni tal-quddiesa fil-kappella tal-Oratorju kull nhar ta' Ħadd fis-7:00 ta' filgħaxija. Il-kappella tkun mimlija daqs bajda bin-nies, ħafna minnhom żgħażagħ u familji bi tfal żgħar. Din hija grazzja ġdida li messet l-Oratorju ta' żmienna għax permezz ta' ħidma kollettiva qegħdin jersqu iżjed nies lejn iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa f'Jum il-Mulej. Kull meta mort għal din il-quddiesa, dejjem sibt voluntiera ħabrieka li jieħdu ħsieb kollox. Mill-armar tal-altar sal-kant, mil-loġistika sal-akkoljenza ma' kull min jattendi. Il-ġid spiritwali ma jitkejjilx bl-istatistika u bil-performattiva, imma bil-ħlewwa tal-qalb u bl-eżaltazzjoni tal-ispirtu.

## Konklużjoni

F'dan il-kapitlu tajna ħarsa lejn l-iżviluppi fl-Oratorju fl-ewwel ħmistax-il sena tas-seklu 21 (2000-2015). Bdejna billi rajna lil Dun Anġ jogħtor taħt it-toqol tas-snin u l-mard, sakemm kellu jirtira għal kollox. Komplejna bis-snin ta' tranżizzjoni li għadda minnhom l-Oratorju meta l-Arċipriet Dun Mario Tong sar ukoll Direttur immedjatament wara li Dun Anġ ċeda t-tmun. Kien żmien tabilħaqq diffiċli meta ttieħdu deċiżjonijiet kontroversjali, partikolarment l-iżmantellar tal-pastorali Oratorjana maż-żgħażagħ.

U minn hemm għaddejna biex intemmu l-kapitlu bil-qawmien ġdid li għaddej minnu bħalissa l-Oratorju taħt id-direzzjoni tal-Arċipriet Dun Albert Buhagiar li bħal ta' qablu assuma wkoll ir-rwol ta' Direttur. Kollox jindika li l-Oratorju reġa' għandu futur bil-konsegwenza loġika li jista' jibqa' jagħti ġejjieni aħjar għaż-żgħażagħ. Wara żmien ta' inċertezza, illum qiegħed jerġa' jbaqbaq bil-ħajja u l-attività. Il-kappella qiegħda tintuża għall-quddies tal-Ħadd, iż-żgħażagħ irritornaw fil-*Youth Centre*, il-Kor kompla għaddej bil-provi tiegħu, il-katekiżmu għadu jiġi mgħallem fil-klassijiet, il-plejers reġgħu tfaċċaw fil-grawnd, l-atturi telgħu mill-ġdid fuq il-palk tat-teatru u l-għaqdiet qegħdin ikomplu jagħrfu s-siwi li jkollhom lill-Oratorju bħala saqaf fuq rashom. F'din ir-rebbiegħa ġdida rridu nirringrazzjaw lil Alla l-Imbierek għax-xita ta' grazzji tiegħu, lill-Madonna għall-ħarsien tagħha, lill-benefatturi li taw ġidhom u ħinhom biex għandna dak li għandna llum u lill-mexxejja ta' żmienna li jinsabu impenjati biex jagħtu s-sens lill-ħajja taż-żgħażagħ tagħna. Fl-aħħar kapitlu li jmiss se nġibu fit-tmiem l-istorja u l-istejjer tal-Oratorju billi niffokaw fuq l-Oratorju t'għada, l-Oratorju tal-ġejjieni.



Il-President ta' Malta, l-E.T. il-Prof Guido De Marco (1931-2010) jindirizza lill-folla miġbura qabel inawgura l-proġett tal-ħaxix artifiċjali fil-grawnd tal-Oratorju fl-2002. Il-perit inkarigat mill-proġett tal-grawnd kien George Tonna, hu stess *old boy* tal-Oratorju.




L-ewwel daqqa bil-ballun fuq il-wiċċ ġdid u ħadrani tal-grawnd mill-E.T. il-Prof. Guido De Marco, President ta' Malta. Maġenbu jidher Charlie Abela, President tal-Mosta Football Club.



Il-faċċata minn barra tal-kappella armata għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù fl-2009. F'dik il-ħabta, Jean Pierre Pirotta kien tqabbad mill-arċipriet Dun Mario Tong biex iservi ta' kuratur tal-Oratorju.



Il-kappella armata għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù fl-2005. Fuq ix-xellug tidher it-tieni bandalora tal-Oratorju, waqt li fuq il-lemin tidher il-bandalora tal-Għaqda Studenti Mostin wara l-istatwa ta' San Domenico Savio.




Il-faċċata tal-gazzetta *Il-Mosta*, ħarġa nru 9 tat-tieni volum fl-2009, iddedikata bir-raġun kollu lil Dun Anġ tal-Oratorju, fundatur tal-istess gazzetta fis-sittinijiet. Fit-12 ta' Lulju 2009 Dun Anġ ħalla din id-dinja biex imur jingħaqad mal-Missier Etern fl-età ta' 79 sena.



L-artal maġġur tal-Oratorju mżejjen għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù tal-2009. F'wieħed mis-swaba' ta' Ġesù għad hemm sal-lum iċ-ċurkett li omm Dun Anġ, Natalizia, kienet irregalatlu.



L-arċipriet u direttur tal-Oratorju bejn (2003-2011) , Dun Mario Tong, jidher ħiereġ bis-sagrament mill-kappella tal-Oratorju waqt il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù tal-2004. Issa l-umbrella tas-sagrament kienet ħadet post il-baldakkin il-kbir li kien jintuża qabel.





Iż-żgħażagħ tal-grupp IGNITE 18+ li ġew ifformati minn Dun Albert Buhagiar ftit li wara li ħa d-direzzjoni tal-Oratorju f'idejh bħala arċipriet fl-2012. Dawn huma ż-żgħażagħ ta' wara l-era ta' Dun Anġ qegħdin ikomplu bil-missjoni pastorali mill-Oratorju fost iż-żgħażagħ tal-parroċċa.



L-abbozz ta' Santa Marija, l-istatwa titulari kif irranġata mill-artist Vincent Apap, fl-Oratorju. Taħtha kont normalment tilmaħ lil Dun Anġ jagħmel xogħol amministrattiv. Fuq ix-xellug hemm ir-ritratt ta' tifkira meta Dun Anġ, flimkien ma' delegazzjoni mill-Oratorju, iltaqa' mal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Vatikan fl-1987.




L-arċipriet Dun Albert Buhagiar li mal-ħatra tiegħu bħala arċipriet tal-parroċċa tal-Mosta fl-2011, assuma wkoll ir-rwol ta' direttur tal-Oratorju. Fi żmienu l-Oratorju ra fih investiment ġdid, kemm f'termini ta' riżorsi umani u wkoll f'riżorsi loġistiċi.



Il-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm li tibda mill-kappella tal-Oratorju u tibqa' sejra lejn il-knisja arċipretali. Minn ġurnata qabel, il-kamra ta' barra fl-Oratorju timtela friegħi taż-żebbuġ biex il-Ħadd filgħodu jinġarru mit-tfal waqt il-purċissjoni.



L-2016 ġiet imsejħa s-Sena tal-Ħniena minn Papa Franġisku. Għal din l-okkażjoni sar pellegrinaġġ speċjali bis-salib tal-vara l-kbira li mill-Oratorju telaq f'purċissjoni għar-Rotunda.



Il-kast tad-dramm tal-passjoni, *Ħajja Bla Fidi – Ħajja Mormija*, imtella' fl-Oratorju fl-2013 b'kitba ta' Edwin Vassallo u direzzjoni ta' Mario Mifsud. Fuq il-lemin, bilwieqfa, jidher id-Direttur preżenti tal-Oratorju Dun Albert Buhagiar.